



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Id-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija,
l-Intraprenditorija u l-SMEs

Brussell, it-22 ta' Jannar 2018 (rev)

AVVIŻ LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI

IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE GĦAT-TRADEMARKS U D-DISINJI KOMUNITARJI SKONT IR-REGOLAMENT (EU) 2017/1001 DWAR IT-TRADEMARK TAL- UNJONI EWROPEA U R-REGOLAMENT (KE) NRU 6/2002 DWAR ID-DISINJI KOMUNITARJI

Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit ressaq in-notifika tal-intenzjoni tiegħu li jirtira mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Dan ifisser li, sakemm ma jkunx hemm ftehim ratifikat dwar il-ħruġ¹ li jstabbilixxi data oħra, il-liġi primarja u sekondarja kollha tal-Unjoni ma tibqax tapplika għar-Renju Unit mit-30 ta' Marzu 2019, 00:00h (CET) ("id-data tal-ħruġ").² Ir-Renju Unit imbagħad isir "pajjiż terz".³

It-tħejjija għall-ħruġ mhijiex biss kwistjoni għall-awtoritajiet tal-UE u daww nazzjonali iżda wkoll għall-partijiet privati.

Suġġett għal kwalunkwe ftehim tranżitorju li jista' jkun inkluż fi ftehim eventwali dwar il-ħruġ, b'seħħ mid-data tal-ħruġ ir-regoli tal-UE dwar it-trademarks tal-UE u d-disinji Komunitarji mhux ser jibqgħu japplikaw għar-Renju Unit.

Minħabba f'hekk it-trademarks tal-UE u d-disinji Komunitarji rreġistrati skont id-dritt tal-Unjoni (ir-Regolament (EU) 2017/1001 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea⁴ u r-Regolament (EC) Nru 6/2002 dwar id-disinji Komunitarji⁵) kif ukoll disinji Komunitarji mhux irreġistrati disponibbli għall-pubbliku bil-mod previst fid-dritt tal-Unjoni (ir-Regolament (KE) Nru 6/2002) qabel id-data tal-ħruġ ser jibqgħu validi fis-27 Stat

¹ Għaddejjin negozjati mar-Renju Unit bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim dwar il-ħruġ.

² Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 50(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Kunsill Ewropew, bi ftehim mar-Renju Unit, jista' b'mod unanimu jiddeċiedi li t-Trattati ma jibqgħu japplikaw f'data aktar tard.

³ Pajjiż terz huwa pajjiż li mhuwiex membru tal-UE.

⁴ Ir-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea, ĠU L 154 16.6.2017, p. 1.

⁵ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 tat-12 ta' Diċembru 2001 dwar id-disinji Komunitarji, ĠU L 3, 5.1.2002, p. 1.

Membru tal-UE (UE27) iżda ma jibqa' jkollhom l-ebda effett fir-Renju Unit b'seħħ mid-data tal-ħruġ. Minn dik id-data 'il quddiem kwalunkwe applikazzjoni għal trademark tal-UE jew għal disinn Komunitarju rreġistrat li tkun pendent qabel id-data tal-ħruġ mhux ser tibqa' tkopri lir-Renju Unit. Kwalunkwe dritt mogħti mill-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea mid-data tal-ħruġ 'il quddiem ser ikun ikopri biss lis-27 Stat Membru tal-UE (UE27). Kull pretensjoni ta' anzjanità eżistenti fir-rigward ta' trademarks tal-Unjoni Ewropea bbażati fuq drittijiet ta' trademarks nazzjonali fir-Renju Unit mhux ser jibqa' jkollha effett fl-UE mid-data tal-ħruġ 'il quddiem.⁶

Barra minn hekk, id-detenturi ta' reġistrazzjonijiet internazzjonali ta' trademarks u disinji li jkunu indikaw lill-Unjoni Ewropea qabel id-data tal-ħruġ skont is-sistema ta' Madrid għar-reġistrazzjoni internazzjonali tat-trademarks u s-sistema tal-Aja għad-depożitu internazzjonali ta' disinji industrijali, għandhom jikkunsidraw li mid-data tal-ħruġ dawk ir-reġistrazzjonijiet internazzjonali ser jibqgħu validi biss fis-27 Stat Membru tal-UE (UE27) u għaldaqstant mhu ser jibqgħalhom l-ebda effett fir-Renju Unit.

F'dan ir-rigward, id-detenturi ta' trademark tal-Unjoni Ewropea (UE) skont id-dritt tal-Unjoni jew ta' disinn Komunitarju rreġistrat jew ta' disinn Komunitarju mhux irreġistrat skont id-dritt tal-Unjoni, l-applikanti kollha għal trademark tal-UE jew għal disinn Komunitarju rreġistrat jew kwalunkwe operatur ta' negozju li potenzjalment jkun jiddependi fuq tali Regolamenti (minn hawn 'il quddiem imsejħa "detenturi ta' drittijiet u applikanti") huma mfakkra li t-tnejn għall-ħruġ mhijiex biss kwistjoni għall-Unjoni Ewropea u l-awtoritajiet nazzjonali, iżda wkoll għall-partijiet privati.

Fid-dawl tal-inċertezzi konsiderevoli, partikolarment fir-rigward tal-kontenut ta' ftehim eventwali dwar il-ħruġ, id-detenturi ta' drittijiet u l-applikanti kollha huma mfakkra dwar ċerti riperkussjonijiet legali li ser jirriżultaw mir-regoli tad-dritt tal-Unjoni attwalment applikabbli meta r-Renju Unit isir pajjiż terz, u li jeħtieġ li jiġu kkunsidrati u antiċipati.

B' mod partikolari, dawn il-ġejjin għandhom jiġu kkunsidrati mid-detenturi ta' drittijiet u applikanti:

- Il-persuni fiżiċi u ġuridiċi li huma ddomiċiljati jew għandhom sede fir-Renju Unit biss ser ikollhom jiġu rrapreżentati quddiem l-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 120(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 (dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea) u l-Artikolu 78(1) tar-Regolament (KE) Nru 6/2002 (dwar disinji Komunitarji) fil-proċedimenti kollha previsti f'dawn iż-żewġ Regolamenti, għajr għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għal trademark tal-UE jew għal applikazzjoni għal disinn Komunitarju rreġistrat.

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern,
l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs;

L-Uffiċċju tal-Proprietà
Intellettuali tal-Unjoni
Ewropea

⁶ L-UE qiegħda tipprova tilħaq qbildwar xi kwistjonijiet li jistgħu jinqalgħu. Il-prinċipji essenzjali tal-pożizzjoni tal-UE dwar id-drittijiet ta' proprjetà intellettuali (fosthom l-indikazzjonijiet ġeografiċi) jinsabu hawnhekk: https://ec.europa.eu/commission/publications/position-paper-intellectual-property-rights-including-geographical-indications_en.